# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 11**

**Rikors numru 584/21/1 CFS**

**Samira Borg**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

1. L-attriċi kienet involuta f'inċident stradali fl-10 ta' Frar 2020 waqt li kienet passiġġiera fuq mutur misjuq minn Karl Grech, fi triq fejn kienu qed isiru xogħlijiet minn terzi. L-attriċi tgħid li b'konsegwenza ta' dan l-inċident hija sofriet debilità permanenti u li jirriżulta biċ-ċar li hija biss vittma tal-inċident. Dwar dan l-inċident kienet infetħet inkjesta Maġisterjali, u meta tlestiet din l-inkjesta u l-attriċi talbet għal kopja tal-*proces verbal* l-Avukat Ġenerali rrifjutat li tagħtiha kopja jew aċċess għal dan il-*proces verbal,* għalkemm ma eskludietx li fil-futur tagħtiha l-aċċess mitlub. L-attriċi

tilmenta li din id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali hija rraġonevoli għaliex la hija neċessarja u lanqas proporzjonali, u qed tissarraf fi preġudizzju serju għad-drittijiet tagħha, li qed ikompli jikber maż-żmien peress li hija mhijiex issalvagwardjata kontra t-trapass tat-terminu preskrittiv sabiex tkun tista' tintavola l-proċeduri opportuni kontra min huwa responsabbli għad-danni sofferti minnha.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "i. Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-konvenut Avukat Ġenerali li ma jurix jew ma jagħtix kopja lill-attriċi tal-proċess verbali tal-inkjesta dwar Karl Grech detentur tal-karta tal-identità 172394M fil-periklu tal-mewt, wara li kien involut f'inċident tat-traffiku bil-mutur fi Triq tal-Barrani, Ħal Tarxien nhar l-10 ta' Frar, 2020 hija nulla, invalida jew mingħajr effett stante li dik id-deċiżjoni mhijiex imsejsa kif jixraq fuq konsiderazzjonijiet ta' liġi u/jew hija irraġonevoli ai termini tal-Artikolu 469B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> ii. Konsegwentement, tibgħat lura l-każ lill-Avukat Ġenerali u, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni meqjusa opportuna f'dan ir-rigward tordna lill-Avukat Ġenerali biex jirrevedi din id-deċiżjoni u b'hekk jgħaddi biex juri jew jagħti lill-attriċi kopja tal-proċess verbali li ġie konkluż mill-Maġistrat Dott. Astrid May Grima f'din l-inkjesta;
>
> Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa msejjaħ għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni ulterjuri, inkluż kull dritt ta' azzjoni kostituzzjonali, spettanti lill-attriċi."

3. L-Avukat Ġenerali eċċepiet, *inter alia,* li hemm konsiderazzjonijiet legali li jimpedixxu lill-attriċi milli tingħata aċċess għal, jew kopja tal-*proces verbal,* li l-motivazzjoni li qed tressaq l-attriċi stess ma tistax treġi għaliex kull min jista' jerfa' xi responsabbilità ċivili jista' jiġi faċilment identifikat bi studju tal-fatti tal-każ, li ma kinitx id-deċiżjoni tagħha li kienet qed twaqqaf lill-attriċi milli tipproċedi ċivilment kontra min tħoss li huwa

responsabbli għall-korriment tagħha, li l-Inkjesta Maġisterjali nbdiet fuq rapport tal-Pulizija u mhux fuq inizjattiva tal-attriċi, li t-test tar-raġonevolezza tad-deċiżjoni impunjata irid isir b'kunsiderazzjoni u proporzjon għall-esiġenzi tal-attriċi u l-interess pubbliku li jinkludi l-interess tal-ġustizzja, u li hija dejjem aġġixxiet korrettement u skont il-liġi.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Ottubru 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
>
> i. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tat-tieni risposta maħlufa tal-Avukat Ġenerali għaliex mhux minnu li t-tilwima ta' bejn il-partijiet hija magħluqa;
>
> ii. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni tat-tieni risposta maħlufa tal-Avukat Ġenerali safejn tolqot l-ewwel talba attriċi għaliex l-attriċi għad għandha interess ġuridiku li tissokta bl-ewwel talba tagħha minħabba l-kap tal-ispejjeż; iżda **tilqagħha** safejn tolqot it-tieni talba attriċi għaliex hija tabilħaqq m'għandhiex aktar interess ġuridiku li titlob lill-Avukat Ġenerali terġa' tqis id-deċiżjoni tagħha li ma tagħtix kopja tal-proċess verbali, ladarba llum l-attriċi għandha kopja tal-proċess verbali;
>
> iii. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-ewwel risposta maħlufa tal-Avukat Ġenerali għaliex dawn mhumiex fejjieda;
>
> iv. **Tilqa'** l-ewwel talba tal-attriċi u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma turix jew ma tagħtix kopja tal-proċess verbali hija waħda nulla, invalida u bla effett skont l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba li din ma kinitx motivata kif imiss; u
>
> v. **Tastjeni** milli tqis it-tieni talba tal-attriċi għaliex din kisbet kopja tal-proċess verbali u għalhekk m'għadx hemm bżonn li tordna lill-Avukat Ġenerali terġa' tqis id-deċiżjoni tagħha;
>
> L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-Avukat Ġenerali ladarba din il-kawża saret minħabba li l-Uffiċċju tagħha ma tax deċiżjoni kif kellha tkun."

5. L-Avukat Ġenerali ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-14 ta' Novembru 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u/jew tvarja s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, b'dan illi għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

6. L-attriċi ppreżentat ir-risposta tal-appell tagħha fid-19 ta' Diċembru 2022 permezz ta' liema ssottomettiet li l-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-Avukat Ġenerali tilmenta li l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-attriċi ma kienx fadlilha l-interess ġuridiku neċessarju fil-kawża. Targumenta li t-tieni eċċezzjoni tagħha kienet titratta n-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tal-attriċi kemm-il darba fil-mori tal-kawża kienet tottjeni kopja tal-atti kollha tal-inkjesta, u li din l-eċċezzjoni kienet separata u distinta mill-ewwel eċċezzjoni. Tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li kellha tiddeċiedi l-ewwel talba xorta waħda sabiex tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż u tikkontendi li r-raġunament tal-Qorti ma japplikax fir-rigward tal-eżami dwar jekk jibqax interess ġuridiku

biżżejjed fil-kawża. Targumenta li ladarba fil-mori tal-kawża l-attriċi ngħatat kopja tal-atti tal-inkjesta ma kienx fadlilha l-ebda interess ġuridiku sabiex jitkompla d-dibattitu dwar jekk id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali kinitx jew le skont il-liġi għaliex ma baqa' l-ebda utilità għal dik it-talba, u minn dan isegwi li l-kawża ma tkunx tista' titkompla. Issostni li għalhekk hija kellha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

8. L-appellata twieġeb li hija kontradizzjoni li f'nifs wieħed tgħid li l-mertu tal-kawża ma kienx eżawrit u wkoll li l-attriċi ma kellhiex l-interess ġuridiku biex tissokta l-kawża. Tikkontendi li ladarba l-Avukat Ġenerali qed tikkonċedi li parti mill-mertu kien għadu pendenti mela allura għandu jsegwi li l-interess ġuridiku għadu jissussisti. Targumenta li kien biss billi tikkunsidra l-ewwel talba li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal deċiżjoni dwar li min mill-partijiet kellha tiġi allokata l-ispejjeż tal-kawża, u fil-fatt l-appellanti imkien ma tissuġġerixxi metodoloġija alternattiva ta' kif l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż. Iżid li skont il-ġurisprudenza l-interess ġuridiku m'hemmx bżonn ikun wieħed patrimonjali, iżda jista' jkun wieħed morali u astratt, l-aqwa li jkun ta' natura ġuridika u ċjoè li jkun jikkorrispondi ma' leżjoni ta' dritt.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "27. Issa l-Avukat Ġenerali fit-**tieni risposta maħlufa** tagħha mressqa fit-12 ta' Lulju, 2022, tenniet li ladarba l-attriċi rnexxilha tikseb kopja tal-proċess verbali sakemm kienet miexja din il-kawża, allura ma hemmx bżonn li tingħata sentenza dwar l-ewwel talba tagħha fuq jekk id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali għandhiex titqies bħala nulla jew le

skont l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Iżżid tgħid ukoll li minħabba din l-istess raġuni, l-attriċi lanqas għandha interess ġuridiku biex tkompli b'din il-kawża;

28. L-Avukat Ġenerali kien ikollha raġun f'dawn l-eċċezzjonijiet tagħha, jiġifieri, li l-iskop tal-kawża spiċċa fix-xejn u li l-attriċi m'għandhiex aktar interess fil-kawża, li kieku l-Avukat Ġenerali u l-attriċi ftehmu kif kellhom jitħallsu l-ispejjeż ta' din il-kawża u l-attriċi għaddiet biex ċediet l-atti tal-kawża. Madankollu billi l-attriċi qiegħda ssostni li hija ma fetħietx din il-kawża b'kapriċċ u billi l-Avukat Ġenerali dehrilha li hija ma kellhiex terfa' l-ispejjeż ġudizzjarji tal-attriċi għaliex temmen li kellha raġuni tajba biżżejjed biex ma tagħtix kopja tal-proċess verbali lill-attriċi, allura din il-qorti ma tistax tgħid li t-tilwima ta' bejn il-partijiet tinsab magħluqa kollha kemm hi;

29. Il-qorti qiegħda żżomm f'moħħha hawnhekk ir-regola ġenerali tal-liġi fl-**artikolu 223(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-parti telliefa f'kawża għandha terfa' l-ispejjeż tagħha. Sewwasew f'dan il-każ, biex din il-qorti tiddeċiedi min fost il-partijiet għandu jħallas l-ispejjeż tal-kawża, hija bilfors trid tidħol fuq il-mertu dwar jekk l-attriċi kellhiex raġuni tajba biex titlob l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma tagħtix kopja tal-proċess verbali;

30. Fuq kollox, din il-qorti tqis li anke jekk l-attriċi rnexxilha tikseb kopja tal-proċess verbali minn għejun differenti mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, din il-qorti xorta waħda għandha bżonn tiddeċiedi l-ewwel talba attriċi dwar jekk id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma tnewwilx kopja tal-proċess verbali kinitx waħda legali u raġonevoli. Favur jew kontra, id-deċiżjoni ta' din il-qorti dwar l-ewwel talba attriċi hija rilevanti u neċessarja biex din il-qorti tkun tista' tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż (ara f'dan is-sens ***Grace Spiteri v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Edgar Borġ et v. Alexia Eminyan*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017);

31. Jiġi b'hekk, li l-Avukat Ġenerali ma tgħidx tajjeb fl-ewwel eċċezzjoni tat-tieni risposta maħlufa tagħha, li din il-qorti m'għandhiex għalfejn tiddeċiedi l-ewwel talba attriċi. Bil-maqlub, din il-qorti *nolens volens* għandha bżonn tiddeċiedi l-ewwel talba attriċi minħabba li ma ntlaħaqx qbil bejn il-partijiet dwar l-ispejjeż ta' din il-kawża u l-attriċi baqgħet sal-lum ma ċedietx din it-talba. Anzi l-qorti jkollha tistqarr li ma tifhimx għaliex l-Avukat Ġenerali - li kienet taf li din il-kawża baqgħet f'ħoġor il-qorti għar-raġuni biss ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet dwar l-ispejjeż ġudizzjarji - għażlet it-triq li tkabbar aktar l-ispejjeż ġudizzjarji billi tressaq risposta maħlufa oħra b'eċċezzjonijiet ġodda. F'qagħda bħal din, l-għaqal u l-prudenza kienu jitolbu li l-Avukat Ġenerali ma tkomplix iżżid l-ispejjeż ġudizzjarji billi titlob lill-qorti biex tiddeċiedi punti u eċċezzjonijiet ġodda. Iżda jidher li ma kellux ikun hekk;

32. L-ewwel eċċezzjoni tat-tieni risposta maħlufa għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

33. Fuq l-eċċezzjoni l-oħra tal-Avukat Ġenerali, dwar jekk l-attriċi tilfitx l-interess ġuridiku biex tkompli b'din il-kawża, din il-qorti tibda billi tgħid li l-attriċi ma tilfitx il-leġittimazzjoni attiva biex tkompli bl-ewwel talba tagħha għaliex kif għidna aktar 'il fuq, din il-qorti għandha bżonn tiddeċiedi din l-ewwel talba biex imbagħad minn hemm hija tkun tista' tistabbilixxi jekk kienx hemm bżonn li l-attriċi tiftaħ din il-kawża jew le minħabba l-kwistjoni tal-ispejjeż tal-kawża;

34. Min-naħa l-oħra, il-qorti tqis li m'għandhiex għalfejn tiddeċiedi t-tieni talba attriċi għaliex jekk iktar 'il quddiem f'din is-sentenza hija ssib li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali, li ma tgħaddix kopja tal-proċess verbali, kienet tabilħaqq waħda illegali u irraġonevoli, allura ma hemmx bżonn li din il-qorti tordna lill-Avukat Ġenerali terġa' tiddeċiedi mill-ġdid dwar jekk għandux jingħata kopja tal-proċess verbali, ladarba l-attriċi rnexxilha takkwista kopja tal-proċess verbali minn bnadi oħra;

35. It-tieni eċċezzjoni tat-tieni risposta maħlufa tal-Avukat Ġenerali għalhekk qiegħda tiġi miċħuda safejn tolqot l-ewwel talba attriċi u qiegħda tiġi milqugħa safejn tolqot it-tieni talba attriċi;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Meta l-attriċi ngħatat kopja tal-konklużjonijiet tal-*proces verbal* fil-mori tal-kawża, minflok ma pruvat tasal għal ftehim mal-attriċi dwar l-ispejjeż tal-kawża l-Avukat Ġenerali ressqet żewġ eċċezzjonijiet oħra sabiex jiġu deċiżi mill-Qorti. Imbagħad, peress li ma kien hemm l-ebda qbil bejn il-partijiet dwar l-ispartizzjoni tal-ispejjeż tal-kawża, l-Ewwel Qorti tpoġġiet f'pożizzjoni fejn tabilfors kellha teżamina jekk l-attriċi kellhiex raġun li tintavola l-proċeduri odjerni jew le, biex b'hekk tkun tista' tiddeċiedi fuq il-kap tal-

ispejjeż. Għalhekk il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti għamlet dak li raġonevolment kien mistenni li tagħmel fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

11. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni u t-Tielet Aggravju**

12. Permezz tat-tieni aggravju tagħha l-Avukat Ġenerali tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li d-deċiżjoni tagħha kienet nulla, invalida u bla effett minħabba li ma kinitx motivata kif dehrilha li jmiss. Issostni li l-Ewwel Qorti għaġġlet meta qieset li n-nuqqas ta' motivazzjoni fil-komunika hija r-raġuni għalfejn id-deċiżjoni tagħha għandha titqies nulla u mingħajr effett u li l-Artikolu 469B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tefa' obbligu fuq l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu. Targumenta li l-liġi mkien ma tgħid li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali teħtieġ xi forma partikolari ta' motivazzjoni meta din tiġi kkomunikata. Iżżid li fiċ-ċirkostanzi tal-każ hija ma setgħetx tagħti r-raġuni vera għalfejn ma riditx tilqa' t-talba tal-attriċi, iżda dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tistħarreġ il-leġittimità tad-deċiżjoni tagħha. Issostni li l-leġittimità tad-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali tista' titqies mhux biss minn eżami tal-komunika tad-deċiżjoni iżda wkoll mill-provi miġjuba fil-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju. Issostni li kellha raġuni valida biex ma tagħtix kopja tal-*proces verbal* lill-attriċi kif mitlub minnha peress li hija

kienet u għadha l-għarusa ta' wieħed mill-persuni kontra min kienu ser jinġiebu proċeduri kriminali, u għalhekk hija ovvjament kienet tikkomunika dak ir-riżultat miegħu.

13. Permezz tat-tielet aggravju l-Avukat Ġenerali tilmenta li l-Ewwel Qorti ma applikatx sew it-test tal-prosekutur raġjonevoli. Targumenta li l-qofol tar-raġunament tal-Ewwel Qorti kien ibbażat fuq il-mod kif id-deċiżjoni ta' rifjut ġiet ikkomunikata lill-attriċi, u ċjoè li ma kinitx motivata biżżejjed. Iżżid li l-fatt li l-akkużi kontra Karl Grech waqgħu preskritti kienet kwistjoni rrelevanti, partikolarment ukoll ikkonsidrat li hija ma kinitx il-prosekutur fil-kawża kriminali kontra tiegħu. Issostni li l-unika mistoqsija relevanti kienet "x'għandu jagħmel prosekutur raġonevoli f'każ bħal dan?" u li t-tweġiba għal din il-mistoqsija hija li prosekutur raġonevoli għandu jiżgura li l-proċess kriminali ma jkunx mimsus u jitmexxa bl-aħjar mod possibbli, billi jiżgura li l-provi kollha jiġu preservati u debitament imressqa fil-proċeduri kriminali. Tagħmel referenza għall-*Guidelines on the Role of the Prosecutor* ippubblikati mill-*Eighth United Nations Congress on the Prevention of Crime and the Treatment of Offenders* tas-7 ta' Settembru 1990, skont liema huwa dmir ta' kull prosekutur "[to] *keep matters in the possession confidential, unless the performance of their duty or the needs of justice require otherwise."* Targumenta li peress li wieħed mill-persuni li kien qed jitlob kopja tal-*proces verbal* kien ser jiġi akkużat b'reat u l-persuna l-oħra, u ċjoè l-attriċi, kienet l-għarusa tiegħu, l-għoti ta' kopja

tal-*proces verbal* kien ikun jammonta għal *tip off* sakemm Karl Grech kien għadu ma tressaqx quddiem il-Qorti, bir-riskju li jitlaq minn Malta biex jevita n-notifika tal-kawża.

14. L-appellata twieġeb li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ma kinitx ibbażata biss fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-appellanti għaliex din kienet biss waħda mill-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti. Targumenta li l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha wkoll fuq il-provi prodotti waqt il-kawża, li min-naħa tal-appellanti kienu jinkludu biss ix-xhieda tal-Avukat Dr. Meredith Ebejer li xehdet li hija l-pożizzjoni tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li f'kull każ kopja tal-atti tal-inkjesta ma tintweriex u li din baqgħet il-pożizzjoni tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali anke wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 469B. Tgħid li għalhekk l-argumenti mressqa fit-tielet aggravju tal-appellanti huma kontradetti mix-xhieda mogħtija mill-Avukat Ebejer. Iżżid illi li kieku kellu jiġi aċċettat li l-Avukat Ġenerali għandu l-obbligu li jżomm il-kunfidenzjalità dan ikun ifisser li kull talba li ssir għall-aċċess tal-*proces verbal* tkun tista' tiġi miċħuda, li ċertament ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur wara l-promulgazzjoni tal-Artikolu 469B. Targumenta li deċiżjoni li ma tiħux qies taċ-ċirkostanzi tal-każ ma tista' qatt titqies bħala waħda raġonevoli.

15. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "36. Il-qorti sejra tgħaddi issa biex tqis it-**tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-ewwel risposta maħlufa** tal-Avukat Ġenerali. Fihom hija tgħid li l-

attriċi ma kellhiex bżonn tal-proċess verbali biex tiftaħ kawża ċivili kontra min jaħti għall-ġrieħi li ġarrbet u li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma tgħaddilhiex kopja tal-proċess verbali ma ħolqitilha l-ebda preġudizzju biex tmexxi ċivilment;

37. Għalkemm dan li qed tgħid l-Avukat Ġenerali jista' jkun minnu, madankollu fil-fehma tal-qorti dawn l-eċċezzjonijiet huma għalkollox irrilevanti f'azzjoni mibdija taħt l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Imkien ma hemm miktub f'dan l-artikolu tal-liġi, li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali, tiddependi fuq jekk ir-rikorrent jistax jipproċedi b'kawża ċivili kontra ħaddieħor jew le. Tassew, l--azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mhijiex magħluqa għal min bħall-attriċi jista' jinqeda b'azzjoni ċivili biex ifittex lil min huwa responsabbli għall-inċident;

38. Fuq kollox, il-qorti tifhem li l-attriċi kellha bżonn kopja tal-proċess verbali appuntu biex jgħinha fid-deliberazzjonijiet tagħha flimkien mal-avukati tagħha dwar jekk hija għandhiex tiftaħ kawża ċivili u jekk iva, kontra min għandha tiftaħha;

39. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma jżommux lil din il-qorti milli tqis l-azzjoni tal-attriċi u għalhekk dawn ukoll qegħdin jiġu miċħuda;

40. Il-**ħames eċċezzjoni tal-ewwel risposta maħlufa** tal-Avukat Ġenerali tgħid li l-proċess verbali ma ġie mogħti lil ħadd u li mhux eskluż li fil-ġejjieni dan jingħata lill-attriċi;

41. Fil-fatt ġara li l-attriċi rnexxilha ġġib kopja tal-proċess verbali, għalkemm mhux mingħand l-Avukat Ġenerali. Hu x'inhu l-każ, anke li kieku l-attriċi baqgħet ma ġabitx il-proċess verbali, il-fatt waħdu li l-Avukat Ġenerali ma tat il-proċess verbali lil ħadd huwa argument li ma jistax imewwet azzjoni taħt l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, bħalma lanqas ma jista' jmewwitha l-argument li l-proċess verbali jista' jingħata fil-futur;

42. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, l-Avukat Ġenerali ma tistax tippretendi li tinħeles minn azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju billi sempliċement tgħid li l-proċess verbali m'għadditu lil ħadd jew li hija tista' tagħti l-proċess verbali fil-ġejjieni. Li kieku kien hekk, l-ebda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma tkun tista' titressaq 'il quddiem u l-leġislatur ikun ġie li daħħal rimedju fil-liġi li huwa bla sugu. Il-qorti iżda temmen li l-leġislatur ma daħalx dan ir-rimedju b'mod superfluwu, iżda kellu f'moħħu li tabilħaqq jipprovdi rimedju effettiv liċ-ċittadin biex jiġi mistħarreġ jekk l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, bħal kull awtorità ammistrattiva oħra, ikunx qiegħed iwettaq dmirijietu skont il-liġi, b'kompetenza, b'diliġenza, b'serjetà u b'responsabbilità;

43. Din l-eċċezzjoni, li fil-fehma tal-qorti hija x'aktarx waħda fiergħa, qiegħda tiġi mwarrba;

44. Il-qorti sejra issa tissokta biex tqis **l-ewwel talba attriċi** fid-dawl tal-eċċezzjonijiet l-oħra li fadal tal-Avukat Ġenerali. Fil-qosor, filwaqt li l-attriċi qiegħda tilmenta li l-Avukat Ġenerali ma tat l-ebda raġuni għaliex kienet qiegħda tirrifjuta li tagħti l-proċess verbali, fuq ix-xaqliba l-oħra l-Avukat Ġenerali qiegħda tgħid li hija kellha raġunijiet tajba u skont il-liġi biex ma tnewwilx il-proċess verbali;

45. Skont l-**artikolu 469B(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, biex l-attriċi tirnexxi fl-ewwel talba tagħha hija jrid iseħħilha turi lil din il-qorti li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali ma kinitx imsejsa kif jixraq fuq konsiderazzjonijiet ta' liġi u/jew li dik id-deċiżjoni kienet tant irraġonevoli li ebda prosekutur f'sensih ma kien jasal għal dik id-deċiżjoni;

46. Fi kliem ieħor, dak li trid teżamina din il-qorti f'dan il-każ huwa biss il-legalità u r-raġonevolezza tad-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma tagħtix kopja tal-proċess verbali. Naturalment biex din il-qorti tkun tista' tagħmel dan, hija trid tkun taf bil-motivazzjonijiet li jkunu xprunaw lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali biex jiċħad it-talba għall-aċċess tal-proċess verbali;

47. L-għoti u t-tismija tar-raġunijiet li jkunu wasslu għad-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali huma għodda meħtieġa li biha wieħed jista' jqis is-siwi ta' dik id-deċiżjoni. Fuq is-saħħa ta' dawk ir-raġunijiet, wieħed ikun jaf x'ikun wassal lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali biex iddeċieda kif iddeċieda u x'qies l-istess Uffiċċju biex wasal għal deċiżjoni bħal dik;

48. Naturalment fid-dmir tiegħu li jipprovdi motivazzjoni, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali m'għandux għalfejn jikteb xi studju mirqum imma għandu għallinqas jagħti tagħrif biżżejjed biex wieħed ikun jista' jifhem għaliex it-talba tiegħu li jara l-proċess verbali tkun qiegħda tiġi miċħuda;

49. Fil-każ tagħna, kif jidher mill-ittra uffiċjali tal-10 ta' Ġunju, 2021, l-unika raġuni li l-Avukat Ġenerali tat lill-attriċi għaliex ma setgħetx tara l-proċess verbali kienet li fil-preżent ma kienx fl-aħjar interess tal-ġustizzja illi tagħti aċċess għall-proċess verbali;

50. Huwa evidenti li din ir-raġuni mogħtija mill-Avukat Ġenerali ma fiha spjegazzjoni u tagħrif ta' xejn. Kif jgħid il-Malti, b'din it-tweġiba l-Avukat Ġenerali kienet qiegħda biss tipprova taqta' l-għatx bil-perżut. L-Avukat Ġenerali kellha tgħid għaliex ma kienx fl-interess tal-ġustizzja li tagħti aċċess tal-proċess verbali. Il-qorti għalhekk ma tistax tlum lill-attriċi talli qiegħda titlob f'din il-kawża biex tiġi mħassra din id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali. Deċiżjoni din, li hija nieqsa minn kull forma ta' motivazzjoni;

51. Id-dħul fis-seħħ tal-**artikolu 469B(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tefa' obbligu fuq l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu marbuta maċ-ċaħda tal-aċċess għall-proċess

verbali. Dan hu hekk għaliex mingħajr motivazzjoni fid-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali, il-qorti ma tkunx tista' twettaq dmirijietha biex tistħarreġ il-legalità u r-raġonevolezza ta' dik id-deċiżjoni. L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għalhekk ma jistax jagħti deċiżjonijiet sajma minn kull motivazzjoni sabiex jevita milli joqgħod għall-iskrutinju tal-qorti;

52. Bħal kull awtorità pubblika oħra, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jrid joqgħod ma' dak li titlob il-liġi. Ladarba l-liġi llum titlob li d-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali marbuta maċ-ċaħda tal-aċċess tal-proċessi verbali għandhom ikunu msejsa fuq konsiderazzjonijiet legali u raġonevoli, allura l-istess Uffiċċju ma jistax jiċħad dan l-aċċess billi jagħti deċiżjonijiet li ma jkun fihom l-ebda ħjiel fuq liema bażi dawn ikunu ngħataw. Togħġbu jew ma togħġbux, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jrid jobdi l-liġi għaliex bħalma kien qal **Lord Denning** lill-Avukat Ġenerali fis-sentenza Ingliża tas-snin sebgħin, ***Gouriet v. Union of Post Office Workers and Others***, «*To every subject in this land, no matter how powerful, I would use Thomas Fuller's words over 300 years ago: 'Be you never so high, the law is above you'*»;

53. Tradott għall-każ tagħna, mhux biżżejjed għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li jgħid biss, li mhuwiex fl-interess tal-ġustizzja li jagħti kopja tal-proċess verbali. Deċiżjoni bħal din, la hija msejsa fuq konsiderazzjoni legali u lanqas ma tista' titqies bħala waħda raġonevoli għaliex din ma fiha raġunijiet ta' xejn. Jiġi b'hekk, li din id-deċiżjoni għandha titqies bħala waħda nulla u invalida skont l-**artikolu 469B(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

54. Waqt il-mixi ta' din il-kawża, però ġie ppreżentat affidavit tal-avukata Meredith Ebejer mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, fejn qalet li l-proċess verbali ma ngħatax lill-attriċi għaliex kien hemm il-biża' li jekk Karl Grech isir jaf bih, dan jaħrab minn Malta biex ma jħabbatx wiċċu mal-proċeduri kriminali;

55. Ir-riskju li wieħed jaħrab minn Malta jrid jitqies fil-kuntest tal-karattru tal-persuna, tal-post fejn joqgħod, tax-xogħol tiegħu, tal-patrimonju tiegħu, ta' fejn tinsab il-familja tiegħu u tar-rabta li dak li jkun ikollu mal-pajjiż fejn huwa jkun ħa jiġi mixli. Fil-każ tagħna, l-avukata Ebejer ma ressqet l-ebda prova biex tikkonvinċi lil din il-qorti li tassew kien hemm il-biża' li Karl Grech jaħrab minn Malta meta wieħed iqis il-kriterji fuq imsemmija. Ma ntweriex pereżempju li Karl Grech kellu flus biżżejjed jew kuntatti biżżejjed biex ikun jista' jaħrab minn Malta u jgħix f'pajjiż barrani;

56. Fuq kollox, il-qorti ma taqbilx mal-avukata Ebejer li tabilħaqq kien hemm il-biża' li Karl Grech jaħrab minn Malta biex ma jweġibx għall-akkużi kriminali li kien ħa jiġi mixli bihom. Tant hu hekk, li ma ħariġx mill-ġbir tal-provi, li kien hemm xi mandat ta' arrest kontra Karl Grech. Il-qorti tistenna li jekk verament kien hemm il-biża' li Karl Grech jaħrab minn Malta minħabba n-natura serja tal-akkużi li kien ħa jiġi mixli

bihom, il-Pulizija kienet tara x'tagħmel biex tarrestah jew għallinqas tieħu l-miżuri meħtieġa biex dan ma jkunx jista' jitlaq minn Malta;

57. Iżda l-ironija hija: li mhux talli Karl Grech ma ġiex arrestat, iżda talli skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fl-4 ta' April, 2022, il-proċeduri kriminali mmexxija mill-Pulizija kontra Karl Grech ġew estinti għaliex tqiesu bħala preskritti;

58. Din mhix serjetà li wieħed jistenna mingħand l-awtoritajiet pubbliċi u l-qorti jkollha tistqarr li tinsab ferm imħassba, kif ukoll sogħbiena, bil-mod ta' kif ġraw l-affarijiet f'dan il-każ. Mela l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ddeċieda li ma jagħtix kopja tal-proċess verbali lill-attriċi għaliex deherlu li seta' jippreġudika l-proċeduri kriminali kontra Karl Grech, iżda mbagħad il-proċeduri kriminali kontra Karl Grech spiċċaw biex waqgħu minħabba li ġew ddikjarati bħala preskritti mill-Qorti tal-Maġistrati;

59. Minn dan kollu joħroġ ċar li mhumiex tajbin l-ewwel, it-tieni, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali meta tgħid li hija mxiet tajjeb u b'mod raġonevoli f'dan il-każ. Mill-banda l-oħra hija mistħoqqa l-ewwel talba tal-attriċi li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma tagħtix kopja tal-proċess verbali hija waħda nulla, invalida u bla effett skont l-**artikolu 469B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;"

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

16. Fir-rigward tat-tieni aggravju l-Qorti tirrileva li l-fatt li l-liġi ma tgħidx espressament li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li tagħti aċċess għal *proces verbal* għandha tkun motivata ma jfissirx li m'hemm l-ebda ħtieġa li tingħata deċiżjoni motivata kif targumenta l-appellanti f'dan l-aggravju. Dan l-argument huwa manifestament żbaljat u jmur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali li huma stabbiliti fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati u ilhom jiġu applikati fir-rigward tad-deċiżjonijiet amministrattivi għal għexieren ta' snin. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Teshome Tensea**

**Gebremariam sive Teshome Berhanu Asbu v. Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et** (PA, 10/07/2012):

> "…dawn il-principji huma tant bazilari li lanqas hemm bzonn li jkun hemm principju legali espressi jew disposizzjoni ad hoc izda huma principji li ghandhom f'kull kaz u dejjem jigu osservati fit-tmexxija ta' amminstrazzjoni pubblika u innuqqas ta' osservanza ta' l-istess iwasslu ghall-irritwalita' tal-eghmejjel jekk imwettqa u ghat-thassir taghhom…"

17. Il-Qorti tkompli billi tosserva li l-argument tal-Avukat Ġenerali li ma setgħetx tagħti motivazzjoni għad-deċiżjoni tagħha għaliex kieku kienet tkun qed tinforma lill-persuna li kienet ser tiġi mixlija bir-reati li rriżultaw mill-inkjesta huwa wkoll infondat. Jekk ir-raġuni għalfejn ma kinitx qed tingħata kopja tal-*proces verbal* kienet din, l-attriċi setgħet minn tal-inqas tiġi avżata li t-talba tagħha kienet qed tiġi rrifjutata sakemm jitressqu proċeduri kriminali kontra l-persuni ndikati mill-Maġistrat Inkwirenti, mingħajr ma jiġu msemmija min huma dawn il-persuni. B'hekk almenu l-attriċi kienet tkun taf ir-raġuni għalfejn it-talba tagħha kienet qed tiġi miċħuda, u kienet titqiegħed f'pożizzjoni li teżamina d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali għall-affari tagħha u tara jekk riditx jew le tattakka din id-deċiżjoni skont il-liġi. B'dan il-mod ukoll l-attriċi kienet titqiegħed f'pożizzjoni aħjar li tagħżel jekk inqediex mir-rimedju mogħti lilha mil-liġi.

18. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-Qorti tosserva li minkejja li l-Avukat Ġenerali tibni l-argument tagħha fuq il-fatt li f'dan il-każ kien hemm raġuni oġġettivament valida sabiex it-talba tal-attriċi tiġi rrifjutata, mix-xhieda ta' Dr. Meredith Ebejer, avukat li taħdem fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali,

jirriżulta li r-rifjut tat-talba tal-attriċi ma kienx ir-riżultat ta' eżami taċ-ċirkostanzi tat-talba tagħha nnifisha, iżda kien biss ir-riżultat tal-prassi adottata mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali b'mod ġenerali. Fil-fatt l-Avukat Ebejer xehdet hekk:

> "Dr. Zerafa: Issa, din id-decizjoni li qed tirreferi hawnhekk, kienet decizjoni tieghek jew decizjoni ta' Superjuri tieghek:
>
> Xhud: Le, din hija l-mod kif nimxu meta jkollok inkjesta magisterjali li giet konkluza b'konkluzjoni minn naha tal-Magistrat Inkwirenti b'ordni jigifieri fejn inkunu, il-pulizija jridu jinhargu l-akkuzi.
>
> Dr Zerafa: Jigiferi din hija l-posizzjoni li tiehdu f'kull kaz.
>
> Xhud: Hekk hu, ma kinitx specifika ghal dan il-kaz, le.
>
> […]
>
> Dr Zerafa: All right, imma din kienet il-posizzjoni tal-ufficju tal-Avukat Generali ghal diversi snin.
>
> Xhud: Hekk hu."

19. Din is-silta mix-xhieda tal-Avukat Ebejer nettament tikkontradiċi l-argument magħmul mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tagħha li f'dan il-każ kien hemm raġuni valida għalfejn it-talba tal-attriċi ġiet irrifjutata, u juri kemm hu żbaljat l-argument tal-Avukat Ġenerali li l-Ewwel Qorti fehmet jew applikat ħażin it-test tal-prosekutur raġonevoli. M'għandux ikun hemm dubju li deċiżjoni ta' prosekutur raġonevoli tkun ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u ma tkunx deċiżjoni *standard* li tiġi applikata għal kull każ irrispettivament mill-fattispeċi tiegħu. Element essenzjali tar-raġonevolezza ta' eżerċizzju diskrezzjonali huwa li l-awtorità li tkun eżerċitat dik id-diskrezzjoni tkun

ħadet qies tal-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Louis Buhagiar v. Kunsill Mediku Malti** (PA, 09/07/2020) "l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq. […] Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif għemil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż."

20. F'dan il-każ fejn jirriżulta *ex admissis* li d-deċiżjoni impunjata ma kinitx ibbażata fuq il-konsiderazzjonijiet relevanti iżda kienet biss waħda awtomatika żgur li ma jista' qatt jingħad li d-deċiżjoni kienet waħda raġonevoli. Deċiżjoni li tittieħed mingħajr ma jitqiesu ċ-ċirkostanzi fattwali u legali relevanti għall-każ in kwistjoni tabifors taqa' fl-arbitrarjetà. Dan jidher ċar mill-fatt illi waqt li l-Avukat Ġenerali targumenta li d-deċiżjoni ttieħdet biex jiġi evitat li Karl Grech jitlaq mill-pajjiż biex jevita li jiġi notifikat bl-akkużi kontra tiegħu, l-Avukat Ebejer xehdet hekk fuq dan il-punt:

> "Dr. Zerafa: Kienet specifika ghal Karl Grech jew hija biza jkun x'ikun il-persuna, ikunu xi jkunu l-akkuzi li jistghu jittiehdu jew il-passi li jistghu jittiehdu kontra dik il-persuna?
>
> Xhud: Ma kinitx specifika ghal Karl Grech ghaliex kif qed nghid dan huwa l-mod kif nimxu meta jkollox inkjesta li tig konkluza b'dan il-mod, u r-ragunament ikun biex ahna ma nippregudikawx il-posizzjoni tal-pulizija li ghandhom ordni minn naha tal-Magistrat li jridu jinhargu l-akkuzi…"

21. Il-Qorti tosserva f'dan ir-rigward illi li kieku l-leġislatur ried li qatt ma jkun possibbli li tingħata kopja tal-*proces verbal* sakemm ma jinħarġu akkużi mill-Pulizija, il-leġislatur kien jipprovdi espressament għal tali

eċċezzjoni. Ladarba m'għamilx dan, anke fejn ikunu għadhom ma ħarġux akkużi mill-Pulizija, l-Avukat Ġenerali hija marbuta li tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ meta ssirilha talba għall-aċċess għall-*proces verbal,* għaliex *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit.* Fir-rigward tal-argument magħmul mill-Avukat Ġenerali bbażat fuq il-*Guidelines on the Role of the Prosecutor* tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Qorti tosserva li dawn il-linji gwida stess jipprovdu li fil-qadi ta' dmirijiet tagħhom il-Prosekuturi Pubbliċi huma meħtieġa "[to] *take proper account of the position of the suspect and the victim"* u "[to] *consider the views and concerns of the victims when their personal interests are affected and ensure that victims are informed of their rights…"* Kwistjonijiet dawn li l-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali *ex admissis* ma ħax in konsiderazzjoni meta ċaħad it-talba tal-attriċi.

22. Għaldaqstant il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija korretta u m'hemmx lok għar-riforma tagħha kif mitlub mill-Avukat Ġenerali f'dawn l-aggravji.

**Ir-Raba' Aggravju**

23. L-Avukat Ġenerali tilmenta li ma kellhiex tbati l-ispejjeż kollha tal-kawża. Targumenta li l-Ewwel Qorti kellha tirrikonoxxi d-diffikultà partikolari li sabet ruħha fiha, li ma setgħet qatt tagħmel l-ekwivalenti ta'

*tip-off* bir-riskju li tistultifika xogħol il-prosekutur. Tgħid li għalhekk l-ispejjeż kollha għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

24. L-appellata twieġeb li din id-diffikultà li ssemmi l-Avukat Ġenerali ma kinitx waħda bbażata fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u fil-fatt l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-appellanti biss għaliex hija kienet ingħatat kopja tal-konklużjonijiet tal-*proces verbal* fil-mori tal-kawża. Targumenta li m'hemmx dubju li "t-tellief" li għalih jagħmel referenza l-Artikolu 223(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija l-apellanti.

25. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Hekk ukoll, ladarba din il-qorti qiegħda ssib li d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali ma tiswiex, allura jiġi li l-attriċi ma fetħitx din il-kawża bla bżonn jew fil-vojt. Dan ifisser ukoll, li huwa xieraq li l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża jitħallsu kollha mill-Avukat Ġenerali u dan minkejja li waqt il-mixi ta' din il-kawża, l-attriċi rnexxilha tikseb kopja tal-proċess verbali minn għejun differenti mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Wara kollox, din il-kawża saret għaliex intwera li l-Avukat Ġenerali ma tatx deċiżjoni kif imiss;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

26. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa. L-ewwel nett, din id-diffikultà u biża' li ssemmi l-Avukat Ġenerali ma tirriżultax mill-atti u anzi mill-atti jirriżulta li l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali qatt ma għamel eżami taċ-ċirkostanzi tal-każ tal-attriċi iżda sempliċiment irrifjuta t-talba

tagħha abbażi ta' prassi sistematika tal-istess uffiċċju. Il-Qorti tosserva inoltre li dan lanqas ma huwa każ fejn kellhom jiġu trattati xi punti ġodda ta' dritt, ikkonsidrat li l-ħtieġa li d-deċiżjonijiet amministrattivi jkunu motivati u raġonevoli huma prinċipji ta' dritt li ilhom jiġu applikati minn dawn il-Qrati għal ħafna snin. Għaldaqstant il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni valida sabiex din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda l-ispartizzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr